MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2015

Avviz Numru. 122/2013

**Mobisle Communications Limited**
**(C 24655)**

**vs**

**Mary Anne Bezzina (319564M) ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Improved Design Contractors Limited (C 29537)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis-26 ta' April 2013 mis-socjeta rikorrenti fejn hija talbet lill-intimata f'isem is-socjeta Improved Design Contractors Limited thallasha is-somma ta' erbat elef sitt mija u sebgha u sebghin Euro, u tlett centezmi (€4,677.03) rappresentanti servizz tat-telekomunikazzjoni cellulari moghtija mis-socjeta rikorrenti skond kuntratt datat 16 ta' Awissu 2007 u mhux imhallsa.

Rat ir-risposta ta' l-intimata datata 11 ta' Novembru 2013 fejn hija eccepiet, preliminarjament, illi l-azzjoni hija preskritta bit-trapass tal-hames snin a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16. Fil-meritu, imbghad, l-intimata sahqet illi l-kreditu pretiz ma kienx dovut peress illi dana kien in konnessjoni ma' servizz tat-telekomunikazzjoni cellulari illi ghal hafna zmien ma kienux baqghu jintuzaw u s-socjeta attrici kient a korrent ta' dan u tali servizz kellu jitwaqqaf.

Semghet ix-xhieda ta' **Simone Whiteman**, Credit Control Manager, moghtija fl-24 ta' Frar 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Felix Mifsud**, rappresentant tas-socjeta intimata Improved Design Contractors Limited, moghtija fl-14 ta' April 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Semghet ix-xhieda ulterjuri u in kontro ezami ta' Felix Mifsud moghtija fil 11 ta' Lulju 2014 kif ukoll id-dokumentazzjoni esebita mill-istesss xhud.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2014 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fl-24 ta' Ottubru 2014, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Il-kawza odjerna tirrigwarda servizz ta' telefonija cellulari moghtija mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta intimata, u pendenzi illi kien hemm bejniethom illi wasslu sabiex ittiehdu l-proceduri odjerni.

Jirrizulta illi s-socjeta intimata dahhlet fi ftehim mas-socjeta rikorrenti fejn dina ta' l-ahhar tipprovdi servizz ta' diversi numri cellulari lis-socjeta intimata versu beneficcju finanzjarju da' parte ta' l-istess socjeta rikorrenti.

Jirrizulta illi s-socjeta intimata kienet, dak iz-zmien, qieghda taghmel xoghlijiet gewwa l-Isptar Mater Dei u kienet qed tadopera dawna n-numri cellulari sabiex l-impjegati taghha jikkomunikaw bejniethom peress illi dana kien ahjar milli jikkomunikaw bejniethom permezz ta' sistema maghrufa bhala 'two-way radio', in vista ta' diffikultajiet illi kienu qed jinfaccjaw.

Jirrizulta, minn dokumentazzjoni esebita mis-socjeta rikorrenti, illi bhala rizultat tal-fatt li s-socjeta intimata kienet ser tadopera minn tnax-il linja telefonika, hija inghata kreditu ta' hames mitt Liri Maltin, fuq periodu ta' sentejn.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi prodotti, jirrizulta illi kien hemm differenza bejn is-socjeta intimata u s-socjeta rikorrenti dwar x'servizzi kienu qed jintuzaw u ghal liema servizzi kellu jsir il-hlas.

Is-socjeta rikorrenti, da parte taghha, tikkontendi illi kellha tithallas ghas-servizz tan-numri cellulari kollha sa l-ahhar ta' April 2012 filwaqt illi s-socjeta intimata kienet qed tikkontendi illi hija ma uzatx in-numri cellulari kollha u ghalhekk kellha thallas biss ghal dawk in-numri cellulari li ghamlet uzu taghhom.

Di fatti, is-socjeta intimata tikkontendi illi fis-16 ta' Settembru 2010, is-socjeta rikorrenti waqqfet is-servizzi cellulari kollha illi s-socjeta intimata kellha peress illi kien hemm ammont pendenti. Madanakollu, irrizulta illi wara illi sar pagament mis-socjeta intimata in vista ta' tali sospensjoni, dana gie irtirat mill-istess socjeta intimata wara illi rrizultalha li tali pagament kien gia sar precendentement izda ma giex imnizzel mis-socjeta rikorrenti.

Tali differenza wasslet sabiex is-servizz telefoniku ma jergghax jigi ripristinat filwaqt illi d-differenzi bejn is-socjeta rikorrenti u is-socjeta intimata baqghu pendenti, ghalkemm sar tentattiv biex jintlahaq ftehim, u eventwalment saret il-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax ma tinutax illi ghalkemm is-socjeta rikorrenti ippresentat il-kuntratt bejn il-partijiet datat 16 ta' Awissu 2007 fejn is-socjeta intimata inghatat beneficcju ta' hames mitt Liri Maltin fuq bazi ta' sentejn, hija ma ippresentat ebda kuntratt ghat-tnax is-servizz cellulari illi tieghu issa qieghda titlob il-hlas ghas-servizz res.

Il-Qorti tinnota ukoll illi, ghalkemm ma' l-att promotorju, is-socjeta rikorrenti ippresentat lista tal-kontijiet pendenti li kien jammonta ghall-ammont rikjest fit-talba taghhom, fix-xhieda tar-rappresentanta taghhom mid-Dipartiment tal-Credit Control, jirrizulta illi l-bilanc dovut lis-socjeta rikorrenti sakemm is-servizz minnhom moghti gie terminat kien jammonta ghall elf, tlett mija u erbgha u hamsin Euro u tmintax-il euro (€1,345.18), bilanc ikkonfermat mill-istess rappresentant tas-socjeta rikorrenti.

Jirrizulta wkoll mill-provi prodotti, illi l-bilanc fuq imsemmi kien ghal periodu ta' hames xhur, minn Mejju 2010 sa Settembru 2010.

Jirrizulta, finalment, mill-provi prodotti, li fil-5 ta' Awissu 2010 sar pagament da' parte tas-socjeta intimata ta' hames mija tlieta u tletin Euro u dsatax-il centezmu (€533.19), liema pagament izda ma jidher irrapportat imkien fid-dokumentazzjoni tas-socjeta rikorrenti ghalkemm hija stess ippresentat ricevuta ta' tali ammont, u ghalhekk il-Qorti tifhem illi certament tali ammont ghandu jitnaqqas minn dak dovut mis-socjeta intimata.

**Ikkunsidrat**

Bhalma gia kellha l-opportunita' tirrileva dina l-Qorti, hija ghandha biss fil-pussess taghha il-kuntratt ta' beneficcju finanzjarju milhuq bejn is-socjeta rikorrenti u is-socjeta intimata, izda fil-pussess taghha ma ghandhiex il-kuntratti ghat-tnax is-servizz cellulari li taghhom qieghda titlob il-hlas.

Ghalkemm jirrizulta ammess mis-socjeta intimata permezz tax-xhieda tar-rappresentant taghha Felix Mifsud, li l-kontijiet ghax-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru 2010 kienu dovuti, kien jinkombi fuq is-socjeta rikorrenti sabiex tipprova ghal liema servizz illi kienet qieghda tippretendi hlas wara Settembru 2010, anke in vista tal-fatt illi kienet ir-rappresentanta tas-socjeta rikorrenti stess illi kkonfermat li wara Settembru 2010, is-servizz lis-socjeta intimata kient twaqqaf.

In vista tal-fatt illi s-socjeta rikorrenti naqqset milli tikkorrobora dak li hija qieghda titlob permezz ta' kuntratti li kienu jorbtu lis-socjeta intimata, il-Qorti ikollha tibbaza d-decizjonijet

taghha fuq il-provi dokumentarji u fattwali illi gew imressqa quddiemha, ossija il-fatt illi s-servizz lis-socjeta intimata pprovdut mis-socjeta rikorrenti twaqqaf f'Settembru 2010.

Dana jfisser illi bhala bilanc dovut mis-socjeta intimata lis-socjeta rikorrenti, dina tammonta ghas-somma ta' elf, tlett mija u erbgha u hamsin Euro u tmintax-il euro (€1,345.18) kif jidher fid-dokument esebit mis-socjeta rikorrenti bhala Dok SE2. Minn tali bilanc ghandu jitnaqqas il-pagament ta' hames mija tlieta u tletin Euro u dsatax-il centezmu (€533.19) li ma jidhirx rapportat izda li tieghu hemm ricevuta esebita bhala Dok SE1.

Ghalhekk, jirrizulta illi l-bilanc dovut mis-socjeta intimata lis-socjeta rikorrenti huwa ta' tmien mija u hdax-il Euro, u disgha u disghin centezmu (€811.99).

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti mill-partijiet u semghet ix-xhieda minnhom imressqa.

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kawza billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimata nomine u

**Tilqa** t-talba attrici, limitatament kif fuq deskritt, u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimata ghan-nom tas-socjeta Improved Design Contractors Limited thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' tmien mija u hdax-il Euro, u disgha u disghin centezmu (€811.99) in konnessjoni ma' servizzi telefonici indikati mis-socjeta rikorrenti fit-talba taghhom.

Imghax fuq tali bilanc huwa dovut mill-intimata nomine u ghandu jiddekorri mill-1 ta' Ottubru 2010 sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimata nomine.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------